

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-3 ta' Novembru 2017 –  
Ministerio de Defensa vs Ana de Diego Porras**

**(Kawża C-619/17)**

(2018/C 022/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ministerio de Defensa

Konvenuta: Ana de Diego Porras

**Domandi preliminari**

- 1) Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], li tinsab fl-Anness għad-Direttiva 1999/70<sup>(1)</sup>, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma ttiprovdi ebda kumpens għal terminazzjoni ta' kuntratt għal żmien determinat dovut għal sostituzzjoni *interim* ta' ħaddiem ieħor li għandu dritt irriżervat tal-post tax-xogħol tiegħu, meta din it-terminazzjoni sseħħ minħabba r-reintegrazzjoni tal-ħaddiem issostitwit, u, għall-kuntrarju, ttiprovdi tali kumpens meta t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol issir għal raġunijiet oħra pprovvuti mil-liġi?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, miżura bħal dik stabbilita mil-leġiżlatur Spanjol, li tikkonsisti fl-iffissar ta' kumpens ta' 12-il ġurnata għal kull sena servizz, li l-ħaddiem jirċievi meta jintemm kuntratt temporanju inkluż meta l-impjeg temporanju jkun limitat għal kuntratt wieħed biss, jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, dispożizzjoni leġiżlattiva li tirrikonoxxi lill-ħaddiema b'kuntratt għal żmien determinat kumpens ta' 12-il ġurnata għal kull sena servizz meta jintemm il-kuntratt, iżda li teskludi mill-istess kumpens lill-ħaddiema b'kuntratt għal żmien determinat meta l-kuntratt ikun dovut għas-sostituzzjoni *interim* ta' ħaddiem li għandu dritt irriżervat tal-post tax-xogħol tiegħu, tmur kontra l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Székesfehérvári Törvényszék (l-Ungerija) fit-  
2 ta' Novembru 2017 – Hochtief Solutions AG Magyarországi Fióktelepe vs Fővárosi Törvényszék**

**(Kawża C-620/17)**

(2018/C 022/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Székesfehérvári Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hochtief Solutions AG Magyarországi Fióktelepe

Konvenut: Fővárosi Törvényszék